# Ktejjeb tar-Riżorsi għat-Tielet u r-Raba' Sena tal-Primarja

(Riżorsi mis-sit malti.skola.edu.mt)

<u>It-Tielet Sena – It-Taħdit</u>

<u>Ħares lejn l-istampi u qabbel. Għid x'hemm l-istess u x'hemm differenti bejniethom.</u>






It-Tielet Sena – Il-Kitba

# Għand il-veterinarju

## Ħares lejn l-istampa u ikteb ftit sentenzi dwarha.



# It-Tielet Sena – Il-Qari

Illum l-Erbgħa waranofsinhar kellna lezzjoni tal-krafts mal-għalliem tal-Arti, is-Sur Bonello. Jien u l-ħabiba tiegħi Melissa, imxejna mal-bqija tal-istudenti sal-klassi tal-Arti. Din tinsab fis-sular ta' fuq fit-tarf tal-kuritur. *(paragrafu 1)*

Il-klassi dejjem tkun imżejna bl-aħħar xogħol tal-istudenti ta' kull sena. Kien hemm qarnit tal-kartun vjola u isfar imdendel mal-ispag neżlin mis-saqaf. L-għalliem qalilna li dawn kienu għamluhom l-istudenti tar-raba' sena. *(paragrafu 2)*

Poġġejna bilqiegħda fuq banketti għoljin mal-imwejjed tal-injam. Quddiemna mal-ħajt rajna kartuna kbira. Fuqha kien hemm il-baħar. L-għalliem qalilna li t-tema ta' dik il-ġimgħa kienet il-ħlejjaq tal-baħar. Imbagħad qassmilna platti tal-karti kull wieħed. Qalilna li kien se jurina kif se nagħmlu ħuta minn dan il-platt. *(paragrafu 3)*

Uriena kif billi għamel waħda hu. Kellu qisu slajs tal-pizza. Poġġieh fuq il-platt u pinġa madwaru. Imbagħad qata' din il-forma li pinġa bi mqass. Wara waħħal dak li qata' fit-tarf tal-ħuta. B'hekk il-ħuta ġiet ħalqha miftuħ u b'denbha fuq wara. Wara qalilna li stajna niżbgħu l-ħuta b'kuluri differenti u nagħmlulha għajn tal-ħġieġ. *(paragrafu 4)*

Konna ħerqana biex nibdew nagħmlu l-ħuta tagħna. Malli lestejna l-għalliem waħħal il-ħut tagħna fuq il-kartuna tal-baħar u pinġa xi bżieżaq ħerġin minn ħalqhom. Waħħal ukoll xi ħaxix u xi ċagħaq li kien għamel hu. Tgħidx kemm ġiet sabiħa l-istampa tal-baħar bil-ħut kollha kuluri u disinni tal-istudenti kollha!



*(paragrafu 5)*

**Eż. A: Immarka t-tweġiba t-tajba b' ✓**

| | Veru | Falz |
|---|---|---|
| 1. L-għalliem tal-Arti kien is-Sur Borg. | | |
| 2. Il-klassi tal-Arti kienet isfel. | | |
| 3. Il-qarnit kien imdendel mal-ispag. | | |
| 4. L-imwejjed kienu tal-injam. | | |

**Eż. B: Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba:**

5. Il-lezzjoni tal-krafts tkun:

| |
|---|
| it-Tnejn waranofsinhar. |
| l-Erbgħa filgħodu. |
| l-Erbgħa waranofsinhar. |

6. Il-qarnit kien:

| |
|---|
| vjola u aħdar. |
| vjola u isfar. |
| roża u vjola. |

7. L-għalliem l-ewwel qassam:

| |
|---|
| il-platti tal-karti. |
| iż-żebgħa. |
| l-għajnejn tal-ħġieġ. |

**Eż. Ċ: Wieġeb:**

8. X'kienet it-tema tal-kraft ta' dik il-ġimgħa? *(paragrafu 3)*

________________________________________

________________________________________

9. Semmi mod kif l-għalliem żejjen il-kartuna tal-baħar. *(paragrafu 5)*

________________________________________

## It-Tielet Sena – Il-Grammatika

## A: Kif tinkiteb? Aqta' linja taħt it-tajba.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. |  | onq | għonq |
| 2. |  | arusa | għarusa |
| 3. |  | adira | għadira |
| 4. |  | ajkla | għajkla |
| 5. |  | eneb | għeneb |
| 6. |  | asfur | għasfur |
| 7. |  | arpa | għarpa |
| 8. |  | alliema | għalliema |
| 9. |  | għerba | erbgħa |
| 10. |  | għadma | adma |
| 11. |  | għelmu | elmu |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 12. |  | għoxrin | oxrin |

## It-Tielet Sena – Il-Grammatika

## B: Kif tinkiteb? Aqta' linja taħt it-tajba.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. |  | logħba | loba |
| 2. |  | xogħol | xol |
| 3. |  | nagħar | nar |
| 4. |  | mogħża | moża |
| 5. |  | rogħża | roża |
| 6. |  | ċagħka | ċaka |
| 7. |  | bogħod | bod |
| 8. |  | rogħta | rota |
| 9. |  | kogħok | kok |
| 10. |  | tagħbib | tabib |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 11. |  | ġelgħat | ġelat |
| 12. |  | laqgħa | laqa |

## Ir-Raba' Sena – Is-Smigħ

**Hawn se nħaddmu l-ħila tas-smigħ. Għalhekk din is-silta trid tinqara minn adult filwaqt li l-istudent jara l-karta tal-mistoqsijiet biss. Agħti ċans biex l-istudent jara l-mistoqsijiet. Wara ftit aqra s-silta waqt li l-istudent jista' jibda jwieġeb il-mistoqsijiet. Agħti ċans biex l-istudent ikompli jwieġeb il-mistoqsijiet qabel ma terġa' taqra s-silta għat-tieni darba. Hawn l-istudent irid jiċċekkja**
**r-risposti tiegħu filwaqt li jkompli xi mistoqsijiet li jkun għadu ma weġibx.**

## Il-Festin- Silta

"Saffarlek l-għasfur tal-mowbajl, Matteo," qaltli oħti lejla waħda, waqt li newlithuli bi tbissima fuq xofftejha. Tbissimitilha lura filwaqt li ħadt il-mowbajl f'idi u bdejt naqra l-messaġġ. Kien sieħbi Luca li bagħatli messaġġ fejn staqsieni ridtx immur miegħu festin tal-karnival organizzat mill-Mużew. Għalkemm il-karnival ma tantx kien għal qalbi, ma ksirtlux qalbu u aċċettajt l-istedina tiegħu.

Jumejn wara ftehimna biex immorru nagħżlu kostum minn ħanut magħruf għall-kostumi. Jien għażilt kostum ta' pirata waqt li sieħbi għażel il-kostum tal-Konti Drakula għax kien jogħxa fuq l-affarijiet tal-biża'.
Wasal il-jum tant mistenni minn sieħbi. Inħsilt u lbist il-kostum tiegħi. Kelli qalziet irrigat aħmar bl-iswed, qmis bajda, sidrija sewda u kappell iswed b'ras ta' mewt impinġija fuqu. Kelli wkoll xabla minn lewn il-fidda. Poġġejt fuq is-sufan nara film fuq it-televixin waqt li stennejt lil Luca.
Għas-sitta u nofs smajt il-qanpiena tal-bieb iċċempel u mort niftaħ. Quddiemi nara lil sieħbi liebes mantell iswed, sidrija ta' lewn ħamrani skur, qalziet iswed u ingwanti bojod. Wiċċu kien miżbugħ abjad u kellu par snien ippuntati fuq kull naħa ta' wiċċu. Xagħru kien midluk bil-*gel* u mitfugħ lura.
It-tnejn li aħna ħarisna lejn xulxin u bdejna nidħku u wara rħejnielha lejn il-Mużew bil-mixi għax dan kien tefgħa ta' ġebla 'il bogħod mid-dar tiegħi. Wasalna u dħalna ġewwa fil-bitħa. Malli rfisna l-bitħa, waqa' skiet kbir. Kulħadd kien qed

jiċċassa lejna b'ħalqu miftuħ! X'kien ġara? Kulħadd kien liebes ilbies normali. Ħadd ma kien bil-kostum! Jien ridt l-art tiblagħni bil-mistħija u sieħbi mhux wisq b'inqas.

"Ara min ġie jżurna. Ġie l-Konti Drakula u l-pirata Jack Sparrow !"

"Dawn jafu x'inhuma jagħmlu jew!"

Dawn kienu fost il-kummenti li bdejna nisimgħu madwarna. X'kien ġara?

Sieħbi qabadni minn driegħi u rħejnielha lejn l-avviż tal-festin biex naqrawh sewwa.

Hemm indunajna li konna morna għall-festin ġimgħa kmieni!

## Il-festin - Mistoqsijiet

**Taħriġ A.**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba.**

| | | Veru | Falz | Ma ssemmietx |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Luca għarraf lil Matteo bil-festin permezz ta' telefonata. | | | |
| 2 | Il-festin kien organizzat minn grupp ta' ħbieb. | | | |
| 3 | Iż-żewġt iħbieb marru jagħżlu kostum tlitt ijiem wara li Luca aċċetta l-istedina. | | | |
| 4 | Luca wasal id-dar ta' Matteo fis-sitta u nofs. | | | |
| 5 | Wiċċ Matteo kien miżbugħ aħdar. | | | |
| 6 | Missier Matteo wassal liż-żewġt iħbieb il-Mużew bil-karozza. | | | |

**Taħriġ B.**

**Immarka l-iżbalji fis-sentenzi billi tagħmel linja taħthom.**

1. Matteo libes il-kostum tal-Konti Drakula.
2. Matteo kien liebes kappell iswed b'ras ta' barri fuqu.
3. Ix-xabla ta' Matteo kienet minn lewn id-deheb.
4. Matteo qagħad jara film fuq il-kompjuter waqt li qagħad jistenna lil Luca.
5. Luca kellu wiċċu miżbugħ aħdar.

**Taħriġ Ċ.**

**Imla l-vojt bil-kelma adattata.**

1. Matteo aċċetta l-istedina ta' sieħbu Luca biex ma ______________qalbu.

2. Matteo u Luca nfaqgħu ______________xħin raw lil xulxin.

3. Il-Mużew ma kienx _______________ mid-dar ta' Matteo.

4. In-nies li kienu ġol-bitħa baqgħu ______________ xħin raw liż-żewġt iħbieb libsin il-kostum.

5. Lil Matteo _______________mal-pirata Jack Sparrow.

6. Luca kien qara d-data tal-festin _______________.



Ir-Raba' Sena – Il-Kitba

1b. Aqra d-djalogu. Imla l-vojt.

**Djalogu bejn żewġt iħbieb**

Liam: Bonġu. Fi x'ħin __________________ dalgħodu?

Jacob: Qomt ___________________.

Liam: Kilt xi ________________ ?

Jacob: Iva. Kilt ________________________________ u xrobt ftit ___________________. Inti kilt?

Liam: Jien kilt _____________________________________ u xrobt ftit ___________________.

Jacob: X'se tagħmel illum?

Liam: Se mmur ____________________________________________.

Jacob: Jien se mmur ___________________________________. Trid tiġi sad-dar tiegħi wara?

Liam: Mela le. Fi x'ħin niġi?

Jacob: Tajjeb għalik ______________________________ ta' waranofsinhar?

Liam: Tajjeb. Imma ma nistax indum ħafna għax irrid immur

____________________________________________________.

Jacob: Ma jimpurtax. Narak mela.



Ir-Raba' Sena – Il-Grammatika

A: Imla l-vojt b'kelma li toħroġ mill-istess konsonanti tal-għerq.

Eż: Josef **raqad** raqda waranofsinhar.

1. Rob **ħabat** _ _ _ _ _ rasu meta waqa' minn fuq ir-rota.
2. Steve **niżel** in-_ _ _ _ _ jiġri.
3. **Żelaq** _ _ _ _ _ f'għadira ilma.
4. Rebecca **nefqet** _ _ _ _ _ flus ġmielha.
5. Is-Sur Grech kien bniedem **qalb**ieni u _ _ _ _ _ tajba.
6. Il-kennies **kines** _ _ _ _ _ l-bankina.
7. Il-kittieb **kiteb** _ _ _ _ _ interessanti dwar l-Istorja ta' Malta.

B: Kif tinkiteb? Aqta' linja taħt it-tajba.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. |  | qalp | qalb |
| 2. |  | ħabib | ħabip |
| 3. |  | spag | spak |
| 4. |  | ċerv | ċerf |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 5. |  | żebbuġ | żebbuċ |
| 6. |  | pajjiż | pajjis |
| 7. |  | ħadit | ħadid |

Ir-Raba' Sena – Il-Grammatika

Ċ: Imla l-vojt bl-artiklu:

____- xemx ______-ħalq ______-dar

____-mera ______-vara ______-sellum

____-tifel ______-qanpiena ______-riħ

______-ċirasa ______-nar ______-żejt

______-ħelu ______-ras ______-kok

D: Imla l-vojt bil-konġunzjonijiet. Agħżel minn: imma, u, għax, meta.

1. Marta ________ Pamela sejrin sal-bandli.
2. Ħriġt mid-dar _________ kelli ndur lura għaċ-ċavetta.
3. Eman wasal tard l-iskola _________ tilef il-vann.
4. Mark iħobb il-pizza _________ oħtu tippreferi l-għaġin.

5. Tgħidx kemm konna nilagħbu barra ________ konna żgħar.
6. Ħadt riħ _________ ma lbistx sew.
7. Mort nistad _________ qbadt ħafna ħut.